Siġġiewi

Città Ferdinand

# ĦIDMA TAL-KUNSILL MATUL L-2012

## Laqgħa tal-Lokalità fiċ-Ċentru Ċiviku

## It-Tnejn 10 ta' Diċembru, 2012

F'dan ir-rapport se nagħtu ħarsa lejn il-ħidma li twettqet mill-Kunsill matul din is-sena kif ukoll lejn xi proġetti li tlestew jew li se jingħata bidu għalihom.

F'Marzu saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u fil-lokalità tagħna kellna ħatra ta' kunsill ġdid, is-sitt wieħed mit-twaqqif tal-Kunsilli fl-1994. Fil-Kunsill il-ġdid seħħew tlett bidliet: il-Perit Robert Musumec li kien ilu Sindku mill-2001 u kunsillier mill-1998 ma kienx kanditat, filwaqt li l-Kunsilliera s-sinj. Rita Psaila u s-sur Joe Sammut ma ġewx eletti.

Il-kanditati eletti kienu l-Avukat Karol Aquilina, is-sur Nikol Cassar, is-sur Jesmond Tanti, u t-Tabib Mark Anthony Vassallo, kif ukoll tlett kunsilliera ġodda, s-sur Ryan Callus, is-sinj. Mariette Borg għall-PL u s-sur Mario Cachia.

Sa ma beda jopera l-kunsill il-ġdid, iġifieri f'April, Il-Kunsill iltaqa' erba' darbiet. F'April beda jiltaqa' l-Kunsill il-ġdid u fl-ewwel laqgħa tiegħu saret il-ħatra tas-Sindku Dr Karol Aquilina billi kien kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kanditati tal-partit li ġab il-maġġoranza iġifieri l-PN, u saret ukoll il-ħatra tas-sur Ryan Callus bħala Viċi-Sindku. Il-Kunsill din is-sena se jkun iltaqa' sittax-il darba.

B'hekk matul din is-sena l-Kunsill se jkun saru 19-il seduta, medja ta' laqgħa kull tliet ġimgħat. Il-Kunsilliera attendew il-laqgħat kollha, għajr għal Viċi-Sindku Ryan Callus u l-Kunsillier Mario Cachia li kienu skużati għal-laqgħa waħda.

Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, saru diversi laqgħat minn organi oħra tal-Kunsill fosthom tal-Kumitat dwar il-Kunsill Ċiviku, is-sotto-kumitat dwar il-wirja agrarja, il-Festa Għeneb, Sports, Kultura u Arti, u dak dwar il-monument f'ġieħ is-sur Pawlu Aquilina.

## XOGHOL STRUTTURALI U TISBIH TAL-LOKALITÀ

Wara li fl-aħħar snin sar tista' tgħid ir-*resurfacing* kollu tat-toroq residenzjali kif ukoll tat-toroq arterjali, fl-aħħar sentejn il-Kunsill ħass li għandu jerġa' jagħmel mill-ġdid *resurfacing* ta' ċerti toroq urbani.Fl-ewwel xhur tas-sena tlesta x-xogħol ta' bdil tas-servizzi tal-ilma kif ukoll ingħata wiċċ ġdid bit-tarmac lil dawn it-toroq u sqaqien:

- Triq Nikola Saura
- Triq Lorenzo Gafà
- Triq San Ġakbu, Sqaq Nru. 3
- Triq San Ġwann, Sqaq Nru. 1
- Triq San Ġwann, Sqaq Nru. 2
- Triq il-Mitħna, Sqaq Nru. 1
- Triq il-Mitħna, Sqaq Nru. 2

Din il-ħidma saret permezz tal-iskema imnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali msejħa *Private Partnership Scheme.* Fil-jiem li ġejjin mistenni li jitlesta wkoll ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Nikola Saura kif ukoll isir re-instatement tax-xogħlijiet li saru fil-Pjazza, Triq il-Qajjied, Pjazza Vittmi tal-Gwerra u Triq Mons M. Azzopardi. Irridu ngħidu li dawn ix-xogħlijiet saru mill-Enemalta biex tissaħħaħ il-provista tad-dawl permezz ta' bini ta' *substation* ġdid.

Matul din is-sena wkoll saru diversi xogħolijiet ta' *patching* bil-*hot asphalt* f'diversi toroq prinċipalment biex jissewwew partijiet minnhom wara tiswijiet li jkunu saru mill-*Water Services Corporation*.

Dan ix-xogħol mistenni li jitkompla fil-ġimgħat li ġejjin.

***Patching* fil-kampanja**

Matul din is-sena kellna wkoll bħas-sena l-oħra niffaċċjaw diversi problemi marbutin mal-providement tal-ħaddiema tat-Taqsima tas-servizzi pubbliċi, issa dan ix-xogħol reġa' qabad ir-ritmu u matul din is-sena issewwew mhux anqas minn ħamsa u għoxrin (25) triq jew zona differenti. Wieħed jifhem li minħabba l-area kbira li l-Kunsill irid isegwi, din tiġi tiswa mal-€45,000.

**Barra minn dawn saru wkoll dawn ix-xogħlijiet:-**

- Bdil sostanzjali ta' mirja u tabelli fiz-zoni urbani u rurali;
- Aktar *Dust bins* kif ukoll bdil ta' siġar li kienu tkissru f'diversi toroq.

## TINDIF U KURA AMBJENTALI

- Ġbir regolari tal-iskart domestiku u skart goff: Matul din is-sena bqajna ninnutaw żjieda sostanzjali tal-ammont tal-iskart separat għar-riċiklar, u b'hekk qed ngħinu biex jonqos l-iskart imħallat. Rigward il-*Bring-in Sites* il-Kunsill għandu kuntratt mal-kumpanija GreenMT biex dawn jitnaddfu regolarment. Minkejja li jidher li l-abbuż mill-*Bring-in Sites* kompla jonqos, xorta waħda għadna iffaċċjaw problema minn użu ħażin minnhom.

**Il-Kunsill joffri ragolarment dawn is-servizzi:**

- Tinder u knis tat-toroq;
- Tindif u qtugħ tal-ħaxix fit-toroq rurali;
- Manutenzjoni regolari u żamma tal-ġonna;
- Manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.
- Tindif *extra* ta' Għar Lapsi fix-xhur tas-sajf;

Matul din is-sena tnediet flimkien mal-GreenMT l-iskema tal-ġbir tal-ħġieġ mid-djar residenzjali.Irridu ngħidu li l-Kunsill LOkali Siġġiewi kien l-ewwel kunsill f'Malta li wettaq din l-inizjattiva. Kull residenza kienet offruta kontenitur tal-plastik u inzjalment bdiet issir kollezzjoni darba fil-ġimgħa. Din issa qed issir darba kull ġimgħatejn.

## ĊENTRU ĊIVIKU

F'Awwissu 2010 tas-sena l-oħra l-Kunsill għadda riżoluzzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku l-Avukat Karol Aquilina biex jitlob lill-Gvern Ċentrali sabiex fl-iqsar żmien possibli l-propjetà nru 18 fi Pjazza San Nikola tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali Siġġiewi bl-iskop li fost oħrajn l-istess propjetà tibda sservi bħala l-uffiċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali toffri s-servizzi ta' *Day Care Centre* għall-anzjani u s-servizzi tal-Berġa u l-Uffiċċju tas-Servizzi Soċjali.

Wara li l-Gvern Ċentrali kien iddeċieda li jilqa' t-talba tal-Kunsill, u wara li ħarġu t-tenders neċessarji u l-permessi tal-MEPA u awtoritajiet oħrajn, fis-sajf tas-sena l-oħra inbdew ix-xogħlijiet kollha neċessarji u li baqgħu sejrin sa l-ewwel xhur ta' din is-sena.

Ix-xogħlijiet li kienu jinkludu r-ristawr tal-faċċata għall-istat oriġinali tagħha, tneħħija ta' strutturi addizzjonali, u refurbishment totali li kien jinkludi servizzi u bibien ġodda, stallazzjoni ta' lift, bini ta' saqaf tal-ħġieġ għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, u tibdil strutturali biex il-bini jkunu aċċessibli. B'hekk issa nistgħu ngħidu li s-Siġġiewi għandu Ċentru Ċiviku modern u li fl-istess ħin li jirrispetta l-istorja tal-post.

Matul din is-sena għalhekk infetaħ iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani, bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għas-Saħħa. B'hekk seħħet ħolma li l-Kunsill kien ilu tant snin jixtieq li jwettaq.

Iċ-Ċentru Ċiviku ġie inawgurat mill-Prim Ministru l-Onor Dr L. Gonzi fil-preżenza tas-Sindku Robert Musumeci, u l-Viċi-Sindku u Chairman tal-Kumitat Ċentru Ċiviku Dr Karol Aquilina, Ministri, kunsilliera, membri parlamentari u mistiedna oħrajn. Pubbliku numeruż żar iċ-Ċentru u seta' jara u japprezza l-ħidma li twettqet.

B'hekk issa, is-servizzi tal-Kunsill Lokali, tal-Berġa tal-Gvern u tal-Uffiċċju tas-Servizzi Soċjali f'ambjent modern u ospitabbli. L-għaqdiet tal-lokal ukoll qed jibbenifikaw minn dan il-proġett billi ċ-Ċentru qed jiġi offrut lilhom biex jorganizzaw laqgħat speċifiċi.

## ATTIVITAJIET KULTURALI, EDUKATTIVI U SOĊJALI

- Matul is-sena l-oħra kien twaqqaf sotto-kumitat biex flimkien mal-Għaqda Kulturali Siġġiewi iħejji għal monument f'ġieh il-Poeta u Edukatur Pawlu Aquilina. Kien ġie identifikat il-post fejn se jsir dan il-monument i.e. fi Triq il-Fawwara, intgħażel id-disinn u saru l-applikazzjonijet

neċessarji. L-istatwa saret mill-iskultur Alfred Camilleri Cauchi, ix-xogħol tal-bronż sar fil-funderija Chetcuti u l-pedestall minn Agius Marble Works.
Nhar il-Ħadd 26 ta' Frar, ġie inawgurat mill-President Emeritus tar-Repubblika Ugo Mifsud Bonnici.

- Għal darb'oħra ittellgħet il-Wirja Agrarja f'Ġunju li kienet mifruxa fuq jumejn u li ġiet inawgurata mill-Onor. Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi. Għal darb'oħra, il-parteċipazzjoni kemm tal-esibituri kif ukoll tan-nies kienet waħda tajba ħafna.

- Summer Sports Night: Wara nuqqas ta' diversi snin, din is-sena reġgħet ġiet organizzata attivita' sprotiva, jew aħjar is-Summer Sport Night li kienet ikkordinata mill-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus flimkien ma' sotto kumitat Sports. L-attività saret bil-koperazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Isport (KMS), u s-Segretarjat għaż-Żgħażagħ u għall-Isports. Ġiet inawgurata mis-SG l-Onor. Clyde Puli.

- Għall-ewwel darba, din is-sena tella' l-Festa Għeneb fl-aħħar t'Awwissu. Meta jqis li s-Siġġiewi huwa wieħed mill-akbar lokalitajiet li għandu ammont ta' dwieli, il-Kunsill ħass li jdaħħal fil-kalendarju kulturali festa li tonora l-ħidma tal-bdiewa Siġġiwin f'dan il-qasam. Nistgħu ngħidu li l-konkorrenza għal din l-attività kienet waħda tajba ħafna, u kemm dawk li attendew kif ukoll l-esibituri ħarġu sodisafatti.

- Mixegħla tas-Salib tal-Għolj,  li bħas-snin l-imgħoddija għaliha attendew eluf ta' persuni. Din setgħet issir bil-kollaborazzjoni tal-Każin Banda San Nikola, u membri ta' diversi għaqdiet fosthom il-Grupp tal-Armar li ħa ħsieb iżejjen il-Pjazza tar-Raħal bil-fjakkli tradizzjonali;

- Kors ta' arts & Crafts għat-tfal matul is-sajf;

- Diversi korsijiet għall-adulti fil-programm *Life long Learning* Ingliż, Malti, Franċiż, Taljan, Matematika;

- Tagħlim tal-computer għat-tfal matul is-sajf.

- Din is-sena tfakkret il-25 sena mill-mewt tal-Poeta Karmenu Vassallo. Għal din l-okkażjoni il-Kunsill daħal għal proġett fejn inħarġet CD ta' poeżiji ta' Vassallo immużikati mis-surmast Dominic Galea u kantati minn kantanti rinomati. Fid-29 ta' Ġunju ittellgħet serata mużiko-letterarja fil-Knisja l-Qadima fejn ġiet varata s-CD kif ukoll saru diskors biex jonoraw lil Poeta Vassallo.

- **PROĠETT SCREENS**

  Il-Kunsill rebaħ proġett tal-UE flimkien mal-Belt ta' Vittoria (Sqallija) u l-belt ta' Mateszalka (Ungerija) bl-isem ta' SCREENS.

  Dan il-proġett għandu l-għan li jxerred aktar informazzjoni dwar il-Millenium Development Goals tan-Nazzjonijiet Uniti bil-għan li fil-pajjiżi tat-tielet dinja fost ħwejjeġ oħra jonqos il-faqar, titjieb l-edukazzjoni u s-saħħa. Il-Kunsill Lokali se jkun qed iniedi diversi workshops matul is-sena d-dieħla għat-tfal tal-iskoal primarja, għall-għaqdiet tal-lokalità u għall-pubbliku in ġenerali. Is-sena ta' wara se jsiru diversi attivitajiet bl-iskop li ċ-ċittadini Siġġiwin isiru aktar konxji tar-realtajiet tal-pajjiżi tat-tielet dinja. Dan il-proġett se jkun jiswa madwar €60,000 liema fondi ġejjin kollha mill-UE.

## HWEJJEĠ OHRA

**Kostruzzjoni ta' rziezet f'San Niklaw.**

F'dawn l-aħħar snin, Il-Kunsill Lokali segwa mill-qrib l-applikazzjoni quddiem il-MEPA għall-kostruzzjoni ta'numru ta' rziezet tal-baqar fis-sit magħruf Ta' San Niklaw. Irid jingħad li wara diversi laqgħat ma' uffiċċjali tal-MRRA, l-applikant għamel reviżjoni u naqqas in-numru ta' rziezet.

Madankollu, il-Kunsill baqa' jinsisti li minħabba diversi raġunijiet dan l-iżvilupp m'għandux isir f'dak is-sit. L-oġġezzjonijiet prinċipali kienu dwar l-irwejjaħ, kif l-iżvilupp jidher mill-bogħod u kif se jkun affetwat it-traffiku. Anki jekk l-applikazzjoni kellha tgħaddi l-Kunsill insista fuq diversi kundizzjonijiet fosthom li t-trasport tal-iskart iġġenerat mill-irziezet ma jgħaddix minn Triq Mons M. Azzopardi.

Il-Kunsill ħa ħsieb jorganizza laqgħa pubblika biex jiġi spjegat dan il-proġett li sfortunatament l-attendenza għaliha kienet waħda fqira.

L-applikazzjoni għad trid tiġi deċiża mill-MEPA. Il-Kunsill Lokali huwa reġistrat bħala *objector.*

**Kostruzzjoni ta' Torri biex jakkomoda *traffic control radar***

Meta sentejn ilu l-Kunsill kien infurmat b'dan l-iżvilupp f'Ġebel Ciantar, il-Kunsill mal-ewwel kien oġġezzjoni mal-MEPA. L-iżviluppatur għamel reviżjoni tal-pjanti u naqqas sostanzjalment l-għoli tat-torri biex b'hekk ikun hemm anqas impatt negattiv fuq l-ambjent.
Madankollu l-Kunsill xorta waħda baqa' joġġezzjona tant li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa tal-Bord tal-MEPA. Is-Sindku ressaq l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill u għalkemm il-membri tal-bord fehmu u apprezzaw li l-oġġezzjonijet mressqa kienu validi, madankollu, fl-interess nazzjonali, huma ivvutaw b'mod unanimu favur l-apllikazzjoni.

**Proġett Salib tal-Għolja**

Bi pjaċir inħabbru li aktar kmieni din is-sena, il-Kunsill Lokali Siġġiewi irnexxielu jirbaħ fondi tal-UE biex jitwettaq proġett kbir infrastruttali qrib is-sit tas-Salib tal-Għolja. Dan għandu l-għand li jippromwovi l-lokalità tagħna bħala destinazzjoni agro-rural turistika. Il-proġett se jsebbaħ sostanzjalment is-sit ħdejn is-Salib tal-Għolja u joħloq park ta' rikreazzjoni. Dan jinvolvi l-bini mill-ġdid tat-toroq viċini li jwasslu lejn is-Salib tal-Għolja, it-tiswija tal-plateau kif ukoll il-fornituura ta' għamara addattata u li tirrispetta l-ambjent.

Sfortunatament, minkejja l-akkwist tal-fondi li jlaħħqu kważi terz ta' miljun ewro, il-proġett ma setax jinbeda għaliex id-Direttorat tal-MEPA irrifjuta lil-applikazzjoni ta' żvilupp. Il-Kunsill kien pront appella u f'Novembru li għadda l-Bord tal-Apell laqgħa t-talb tal-Kunsill b'ċertu tibdiliet minimi fil-pjanti oriġinali.

B'hekk nittamaw li matul is-sena d-dieħla dan il-proġett jitwettaq.

**Kunsill Lokali Żgħażagħ**

Is-sena l-oħra twaqqaf il-Kunsill Lokali Żgħażagħ: Il-KLŻ għandhom l-għan li jinkoraġġixxu aktar żgħażagħ ikun attivi fil-lokalitajiet tagħhom. Matul din is-sena, il-KLŻ Siġġiewi kien wieħed minn tliet kunsilli lokali taż-żgħażagħ li rebaħ premju ta' €10,000 f'konkors imniedi mill-Gvern Ċentrali biex iwettaq proġett fost iż-żgħażagħ Siġġiwin. Dan kien jikkonsisti f'taħriġ lil numru ta' żgħażagħ f'oqsma bħalma huma fotografija, IT u ħiliet maniġerjali u jtellgħu wirja tax-xogħolijiet tagħhom.

Din il-wirja se tittella' u se tkun inawgurata mill-Onbor Clyde Puli, SG għaż-Żgħażagħ fil-jiem li ġejjin.

**Tiżjin**

Il-Kunsill għal darb'oħra ħa ħsieb li matul il-Festa ta' San Nikola jarma bid-dawl Triq Mons M Azzopardi. L-istess fi żmien il-Milied il-Kunsill jarma bid-dawl il-Pjazza u Triq il-Parroċċa u Triq San Nikola.

**Tilqima kontra l-Influwenza.**

Il-Kunsill reġa' kien strumentali biex aktar minn 450 persuna tirċievi t-tilqima tal-influwenza.

**Arriva**

Sa mis-sena l-oħra, Il-Kunsill segwa dak li kien qed jiġri fir-riforma tat-trasport pubbliku u baqa' jwassal l-ilmenti tal-pubbliku li jaslu lill-Kunsill kemm lil Transport Malta kif ukoll lill-Arriva.
Dwar il-viċinanzi ta' Binja Ħesri, il-Kunsill ressaq proposta biex ir-rotta tal-linja minn Triq il-Mitħna tinżel għal Triq Ħesri, fejn hemm isir *bus stop*, tmur għal Triq Dun Manwel Zammit, u titla' minn Triq l-Imdina għal Triq it-Tabib Nikola Zammit. Wara diversi taħditiet, din il-proposta ġiet milqugħa.

Propju fl-aħħar jiem il-Kunsill iltaqa' ma' uffiċjali għoljin tal-Arriva u ta' Transport Malta biex jiddiskuti magħhom l-ilmenti li jaslu l-Kunsill u ressaq diversi proposti ta' kif is-servizz pubbliku jista' jitjieb. Laqgħa oħra mistennija li ssir wara l-Festi tal-Milied.

**FINANZI**

Matul din is-sena l-Kunsill mistenni li jdaħħal €850,000, bejn l-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali u dħul żgħir ieħor. Minkejja l-ispiża kbira li daħal għaliha rigward ir-rinovament taċ-Ċentru Ċiviku, xorta waħda  mhux mistenni li joħroġ b'defiċit.



N I k o l B a l d a c c h I n o
SEGRETARJU EŻEKUTTIV